**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Carlos Abela**

Kaz Numru: 523/15

Illum 1 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carlos Abela ta' 21 sena, iben Carmelo u Maria Assunta nee' Dalli, imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Settembru 1993, residenti gewwa 29, Triq id-Duluri, Isla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 389193M talli:

1. Nhar it-23 ta' Gunju 2015 ghall-habta ta' bejn it-8:00 u d-9:00 ta' filghaxija, gewwa l-Isla, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal Dennis Bonanno, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skont ma ccertifika Dr Jesmond Cassar MD tal-Klinika ta' Rahal Gdid, liema griehi jistghu jgibu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Etienne Bugeja u kkagunalu griehi ta' natura hafifa, skont ma ccertifikat Dr Rebecca Pisani tal-klinika ta' Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-artikoli 221(1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta,

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Walden Bugeja u kkagunalu griehi ta' natura hafifa, skont ma ccertifikat

Dr Jesmond Cassar tal-klinika ta' Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-artikoli 221(1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta,

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma/I ohra kontra Dennis Bonanno, Etienne Bugeja, Walden Bugeja u/jew persuna/I ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuni hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Dennis Bonanno, Etienne Bugeja, Walden Bugeja kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. Ghaldaqstant mhix se timpani piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 218, 221(1), 339(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2).

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Dennis Bonanno, Etienne Bugeja u Walden Bugeja taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum.

Billi m'hemmx aktar htiega ghall-hrug ta' ordni ta' protezzjoni tichad it-talba tal-prosekuzzjoni.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li sar tali hlas.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja tal-atti u ta' din is-sentenza jintbaghtu ghand l-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat